**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Joseph Gaffarena**

**Vs**

**George Cauchi**

Rik Nru: 94/17

Illum 4 ta' Gunju 2019

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Joseph Gaffarena li jaqra hekk:

Illi l-esponenti jikri lill-intimat il-fond bin-numru 70, Triq il-Bluta, Qormi bil-kera ta' mitejn ewro (€200) fis-sena pagabbli pro rata kull sitt xhur bil-quddiem.

Illi l-intimat mhux qiegħed jagħmel użu mill-fond u dan in-non uso jammonta għall-użu divers kif ukoll issulloka jew ittrasferixa l-kirja lill-terzi mingħajr il-kunsens tas-sid.

Illi minn informazzjoni li għandu l-esponenti hija n-neputija tal-intimat, isimha mhux magħruf, li llum qegħedha tgħix ġewwa dan il-fond. Tant hu hekk li reċentement, permezz ta' raġġiri, dina otteniet riċevuta nvalida mingħand iben l-esponenti li ma kienx jaf li missieru, cioe' l-esponenti, kien ġa ppreżenta ittra uffiċjali kontra l-intimat fejn kien talab li jiġu ritoranti lura ċ-ċwievet tal-fond mikri.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett ili jiġi awtorizzat minn dan il-Bord li jieħu lura l-pussess tal-fond hawn fuq indikat fi żmien qasir u perentorju li jogħġbu jiffissa dan il-Bord.

Bl-ispejjes.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat u li la deher u lanqas prezenta ebda risposta.

Ra l-atti.

**Ikkunsidra**

Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2019 gew prezentati l-kapitoli fil-konfront tal-intimat.

Fis-seduta tallum deher biss id-difensur tar-rikorrenti. L-intimat imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Ghalhekk il-kapitoli gew mistqarra.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ai fini ta' zgumbrament jipprefiggi terminu perentorju ta' tletin (30) jum millum.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimat.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**